# Il-galleriji ta' l-injam

Minn wara ċ-ċpar, it-tifrik u l-ħerba li ħalliet it-Tieni Gwerra Dinjija, bdejna naraw wiċċ pajjiżna jinbidel mill-ġdid. Il-bini li sar fl-ewwel ħmistax-il sena ta' wara l-gwerra nistgħu ngħidu li rrispetta l-karattru ta' l-arkitettura tagħna. Il-bliet storiċi u l-irħula qodma Maltin huma miżgħudin b'tant bini u oġġetti oħra artistiċi li flimkien jgħaqqdu ħolqa ma' oħra ta' lavur u artiġġjanat mill-aqwa. U kellna l-għaqal kbir li għad li fiha iktar xogħol u tqum iktar mill-*bricks* u mis-siment, bħala regola bnejna bil-ġebla ratba tal-franka, il-ġebla tagħna l-Maltin u l-Għawdxin. Il-progress, għalkemm b'pass meqjus, beda juri l-marki tiegħu fuq dawn il-gżejjer. Sfortunatament, l-ikbar daqqa li qalgħet fix-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, hi l-gallerija ta' l-injam, karatteristika ta' art twelidna.



Gallerija fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, fil-Villa tas-Sur Karm Dimech P.E.P.

### Kaxxetta misterjuża!

Il-gallerija ta' l-injam twieldet fostna bosta snin wara l-gallerija tal-ġebel. Hi taħlita tal-galleriji Għarab u Spanjoli. X'aktarx li gallerija ta' l-injam żviluppat mill-*mushzabija* tal-Marokkini. Din tikkonsisti f'kaxxetta għall-osservazzjoni mal-faċċata tad-dar li l-għamla tagħha tixbaħ ħafna nofs bettija ta' l-inbid. Wara ddakkret mill-gallerija tat-teatru Latin. Minn din it-tiżwiqa ta' żewġ tradizzjonijiet differenti u ta' żewġ ispirazzjonijiet arkitettoniċi ħarġet il-gallerija Maltija. Għalkemm il-gallerija ta' l-injam ilha għexieren ta' snin, kien fi żmien il-bidu tal-ħakma ta' l-Imperu Ingliż li tferrxet ma' l-erba' rjiħat tal-gżejjer Maltin. Għalina ċ-ċittadini tal-millennju l-ġdid, qajla nagħtu kas ta' dan il-patrimonju li ħolqu b'tant sagrifiċċju u b'tant għożża missirijietna. Imma għat-turisti li jkunu għadhom kif rifsu fuq din l-art, jieħdu gost jidħlu f'dik li għalihom hi bħal kaxxetta misterjuża.

➥ ikompli paġna 63

Hector's IRONMONGER
Triq il-Mitbaħ, (Santa Marġerita) Mosta
Tel: 416435 Mobile: 09403402
Paint, Hardware items, Household & Tools Hire

# Galleriji ta' l-injam

➡ minn paġna 62

## Il-gardjoli taċ-ċittadin!

Il-misteru tagħha hu sempliċi. Fl-imgħoddi, l-anzjani u n-nisa kienu jgħaddu ħafna ħin f'darhom. Il-biċċa l-kbira ta' l-ommijiet kienu jibqgħu d-dar jindukraw il-bosta tfal li kien ikollhom. Ma kienx ikkunsidrat xieraq li mara toħroġ waħedha ħlief biex tmur il-quddies jew għand tal-merċa fejn tkun tista' tgħid xi erba' kelmiet ma' sħabha l-ġirien. U bħalma l-għassies kien jgħarrex fil-gardjola, attent għal xi manuvra ġdida fuq ix-xefaq, hekk ukoll missirijietna mill-gallerija ta' l-injam kienu josservaw it-teatru tat-triq. Il-gardjola taċ-ċittadin biex insejħulha hekk, kienet tagħtihom żvog sew fil-bnazzi jew fil-maltemp, bard u riħ. U l-kurjużi u s-seksieka kienu jkunu jafu x'inhu għaddej minn taħthom, minuta b'minuta. Kienu jaraw telgħin u neżlin mar-raba' qrib, il-bhejjem, it-tagħbija tal-biegħa u l-frott. U daqqa jgħaddi l-bejjiegħ tal-ħalib, b'merħla kbira ta' mogħoż. Wara ftit ifiġġ raġel xwejjaħ mimli biż-żmien iġorr il-ful, ċiċri u karawett fi xkora fuq dahru. Ma' nżul x-xemx, dħul ix-xitwa, kien jagħmel ir-ronda tal-bigilla, jimbotta kaxxa quddiemu bil-borma mgħottija b'sarvetta bajda. In-nisa anzjani mill-gallerija kienu jaraw min hu għaddej u jridu jafu kull wieħed ta' min hu, u għalfejn qed jgħaddi minn dik il-ħâra ta' sikwit.

## Karatteristika ta' pajjiżna

Bosta mastrudaxxi tas-sengħa kienu jaħdmu biss il-galleriji ta' l-injam minħabba d-domanda kbira li kien ikollhom mill-klijenti tagħhom. Għalkemm il-forma tal-gallerija tradizzjonali tagħna hi dik rettangulari u lixxa, insibu oħrajn li jvarjaw fl-istil u l-qisien. Għadna naraw galleriji twal ħafna bħal dik ta' fuq il-Palazz, fil-Belt Valletta. Hemm oħrajn li l-parti ta' fuq tkun tixbah xi arkata trijonfali ta' l-injam bħal dawk li naraw armati fit-toroq għall-jiem tal-festa. Jinsabu xi ftit li jkunu mfasslin f'nofs tond b'karatteristiċi dekorattivi barokki. Waqt li fil-Belt u fil-Kottonera l-galleriji narawhom fuq xulxin fi blokki sħaħ ta' bini b'erba' sulari, fl-irħula tipiċi l-galleriji ta' l-injam jieħdu bixra ta' linja dritta, skjerati fejn xulxin, waħda wara l-oħra. Għalkemm huma diversi l-kuluri li bihom huma miżbugħa dawn il-galleriji, l-aħdar skur lewn iż-żebbuġa huwa l-aktar lewn li jispikka. Xi whud mill-galleriji antiki kellhom sa l-persjani li mhux biss jilqgħu aħjar x-xemx u l-bard, imma li bħal jostru lil min jrid iħares mingħajr ma jidher. Kellhom ukoll il-purtiera tal-qasab.



Il-galleriji Maltin ivarjaw fl-istil u l-kobor



Gallerija tipika Maltija

## Familja progressiva

Mill-aħħar gwerra dinjija 'l hawn, il-bini beda tiela' b'ritmu mgħaġġel. Id-djar li nbnew ġew speċifikament ipproġettati biex jaqdu l-bżonnijiet tal-familja Maltija. Il-gallerija ta' l-injam ma baqgħetx aktar moda u postha ħaduhulha gallerijiet hekk imsejħa moderni mdawrin x'xogħol tal-ħadid mill-iżjed fjakk jew xi tużżana balavostri u suq ħa mmorru! Imma għall-biċċa l-kbira tad-djar li kienu jagħmlu parti mill-ħajja rurali, il-gallerija ta' l-injam għadha l-għaxqa fil-qalba ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Żgur li fihom daqqa t'għajn l-għadd kbir ta' gallerijiet ta' l-injam fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. F'din it-triq ewlenija Mostija nsibu xejn inqas minn 72 gallerija. Oħrajn jinsabu mferrxin fl-aktar postijiet qodma mal-Mosta fejn l-istranġier mitluf iserrep fit-triqat dojoq, jitgħaxxaq bil-bini baxx qisu tal-ħrejjef.

## L-Ewropa u l-Heritage skills

Il-wirt storiku fl-Ewropa jarawh ukoll bħal opportunità m'hux biss għat-turiżmu, imma anke għas-snajja' tradizzjonali. Immaġina l-gallerija ta' l-injam x'domanda tista' toħloq u kemm jistgħu jaħdmu nies. Minflok morna għall-aluminju. Qridna snajja' u morna għall-oħrajn li m'humiex sostenibbli għax koroh u ma jagħmlux parti mill-karattru tagħna. Allaħares l-istess mentalità ntużat fi bliet bħal Firenze għax kieku llum m'għandhom xejn. Jekk jirnexxilna nerġgħu ndaħħlu l-*heritage skills* inkunu qed

➡ ikompli paġna 65

## Galleriji ta' l-injam

minn paġna 63

noħolqu ekonomija żgħira. Hemm bżonn li l-istat jaħseb sew fuq dawn l-attivitajiet li jkunu aktar pożittivi. Hawn ta' min ifaħħar lil xi kunsilli lokali li ħarġu b'din l-idea li biex jinkoraġġixxu liċ-ċittadini tagħhom jagħtu aktar kas ta' l-istat li tkun tinsab il-gallerija ta' l-injam fid-djar tagħhom qed joffru sussidju finanzjarju meta jkun hemm bżonn xi tiswijiet.

### Poplu Mediterranju

Ta' poplu Mediterranju li aħna, il-gallerija ta' l-injam tesprimi fil-beraħ tat-triq, l-emozzjonijiet varji li hemm fil-qlub tal-Maltin, ulied Wenzu u Rozi tas-sena 2000! Hekk kif joqorbu l-festi ħelwin tal-Milied, il-gallerijiet jissebbħu bit-tiżjin bħal dawl kulurit u xi Bambin. Il-purċissjonijiet bix-xbiha ta' Marija Addolorata jistgħu jitqiesu bħala fost l-ikbar manifestazzjoni ta' fidi li jsiru f'pajjiżna tul il-jiem tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Id-devozzjoni lejn id-Duluri dan il-poplu juriha bil-mod kif iżejjem il-gallerijiet tiegħu bi drapp iswed jew vjola, xbihat tal-Madonna Doloruża u bosta slaleb ta' kull daqs li jinxtegħlu filgħaxija. Il-festa tal-patrun jew patruna tar-raħal tkun mixtieqa mill-poplu u għalhekk għal dawn il-jiem ta' briju din il-gallerija ssir il-mekka tat-tfal. Ikun l-għors tagħhom jitfgħu elf ta' karti u bżieżaq waqt li tkun għaddejja l-banda minn taħthom. Dawn l-episodji li semmejna jagħmlu parti mit-tradizzjoni imlewna b'folklor sabiħ.

### Tal-Budandu

Meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel, hekk kif tkun riesqa l-festa ta' Santa Marija, kont immur ma' missieri f'Villa Karm Dimech P.E.P., wieħed mill-benefatturi l-kbar tar-Rotunda. Il-gallerija ta' l-injam tassew maestuża u oriġinali li kien ordna s-Sur Dimech hija ġawhra mill-isbaħ fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Peress li d-dar tagħna m'għandhiex il-privileġġ tal-gallerija, kont nistenna bil-ħerqa dan iż-żmien biex inħoss il-ferħ tat-tfulija x'ħin nittawwal mill-gallerija tal-Budandu, kif kien magħruf is-Sur Dimech. Fost ix-xogħol ta' tindif u tisqija fil-ġnien li kien jagħmel missieri, ta' kull sena kien jarma l-globi tal-ħġieġ fil-gallerija biex jinxtegħlu fl-iljieli tal-festa. Tgħidx kemm kien jinkwieta missieri meta kont innewwillu xi globu li ma jmurx allaħares qatt jiżloqli mill-gallerija għal isfel.

Riferenzi:

a) Herbert Ganado, **Rajt Malta Tinbidel** Vol IV, Stamperija l-Ħajja – 1977

b) Carol J. Jaccarini, **Ir-Razzett, The Maltese Farmhouse,** PEG Ltd — 1998

c) Ġuże Cassar Pullicino, **L-Imgħoddi tal-Ġens Tagħna** — Media Centre — 1990

d) **L-Orizzont,** is-Sibt 10 ta' April, 1999, paġna 7

■

*Louis Vassallo*

Lily
PROPERTIES
Sgħajtar Street,
Mosta
Tel: 421591/2
Mobile: 09474591
09422152



For all your property requirements